MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1634/2000/1

**Frans Borg.**

**-vs-**

**Air Malta plc.; Joseph Borg f'ismu proprju u ezercjenti n-negozju taht isem "Lyzer Transport" kif ukoll Carmelo, Emanuel, Mario, Nicholas, Paul u Victor ahwa Borg f'isimhom proprju u ezercjenti n-negozju "Borg Brothers Removals".**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-4 ta' Awissu 2000 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi fit-8 ta' Gunju, 2000, inghalqet t-tender ghat-"Transport u Delivery Services" ghall-Air Malta p.l.c., ghal liema tender issottomettew l-offerti taghhom zewg kompetituri u cioe' l-attur Frans Borg u l-konvenut Joseph Borg tad-ditta Lyzer Transport li gie awarded it-tender.

Wahda mill-kundizjonijiet tat-tender kienet li l-kuntrattur, biex jikkwalifika ghat-tender, irid ikollu fil-pussess tieghu licenzja ta' Burdnar mahruga regolarment mill-Kontrollur tad-Dwana.

Illi ghalkemm l-konvenut Joseph Borg fil-kwalita tieghu premessa ghandu fil-pussess tieghu licenzja ta' Burdnar, irrizulta li tlieta mill-vetturi ndikati fil-licenzja ta' Burdnar tieghu qeghdin jintuzaw regolarment mill-intimati l-ohrajn Carmelo Borg u hutu ezercjenti n-negozju "Borg Brothers Removals", f'tenders ta' garr ta' ghamara u merkanzija ohra li rebhu ma' diversi dipartimenti tal-Gvern. ***Id-ditta "Borg Bros Removals" mhix detentrici ta' licenzja ta' burdnar.***

Illi wara li giet assenjata t-tender lill-konvenut Joseph Borg, is-socjeta' konvenuta Air Malta nformat lill-attur, wara interpellanza li ghmel lill-istess socjeta' konvenuta, li t-tlett vetturi in kwistjoni kienu debitament registrati mal-leasing office bhala proprjeta' tal-konvenut Joseph Borg.

Illi mhux possibbli jigi rikonciljat il-fatt li dawn it-tlett vetturi – BBR333, BBR444, BBR555 – huma prezentati bhala vetturi proprjeta' ta' Joseph Borg f'din it-tender ta' l-Air Malta mal-fatt l-iehor li l-istess vetturi tidher propjetarja taghhom id-ditta "Borg Bros Removals" f'tenders ta' garr ta' ghamara li l-istess ditta "Borg Bros Removals" rebhet ma' diversi dipartimenti u Misteri tal-Gvern.

Illi, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-vetturi BBR333, BBR444, BBR555 baqghu jintuzaw mid-ditta konvenuta Borg Bros f'tenders li din id-ditta rebhet ma'

diversi dipartimenti tal-Gvern, banek u entitajiet privati kif fuq inghad, kemm wara li t-tender ta' l-air Malta giet assenjata lill-konvenut l-iehor Joseph Borg fit-8 ta' Gunju, 2000, kif ukoll wara l-1 ta' Awissu, 2000, data meta t-tender in kwistjoni beda jigi effettivament mahdum.

Illi l-konvenuti Nicholas, Victor, Emanuel u Carmelo ahwa Borg tad-ditta Borg Bros Removals, b'kumbinazzjoni kbira rregistraw ruhhom bhala impjegati "part-timers" mal-konvenut l-iehor Joseph Borg, li lilu gie assenjata t-tender, fis-17 ta' Lulju, 2000, mal-Korporazzjoni ta' l-Impjiegi u Tahrig (ETC) u cioe' abbondantement xahar u nofs wara li giet assenjata t-tender lill-konvenut Joseph Borg.

Illi allura jirrizulta li l-konvenuti Nicholas, Victor, Emanuel u Carmelo ahwa Borg tad-ditta Borg Bros Removals spiccaw impjegaw ruhhom "part-time" mal-konvenut Joseph Borg biex ikunu f'posizzjoni jsuqu l-istess vetturi – BBR333, BBR444 u BBR555 – li kienu "bieghu" lill-konvenut Joseph Borg li lilu gie awarded it-tender u li llum "jidher" li huwa l-propjetarju ta' dawn il-vetturi.

Illi l-konvenuti Nicholas, Victor, Emanuel u Carmelo ahwa Borg tad-ditta "Borg Bros. Removals" ma setghu qatt jirregistraw "part-time" mal-konvenut l-iehor Joseph Borg tal-Lyzer Transport biex jahdmu din it-tender billi skond il-Wage Regulation Order tal-Burdnara impjegat part-time jista' jahdem biss massimu ta' 24 siegha f'gimgha filwaqt li skond it-tender in kwistjoni l-kuntrattur irid jipprovdi minimu ta' servizz ta' ghaxar siegha kuljum fuq skeda normali ghal kull truck.

Illi ghalhekk jirrizulta li r-registrazzjoni tal-konvenuti Nicholas, Victor, Emanuel u carmelo ahwa Borg mal-konvenut Joseph

Borg tal-Lyzer Transport bhala "part-timers" hija rregolari u saret biss ghall-konvenjenza u ghad-dehra.

Illi jidher car li sar manuvrar sabiex id-ditta "Borg Bros Removals" – li mhix detentrici ta' licenzja ta' Burdnar – tinqeda bil-licenzja tal-konvenut l-iehor Joseph Borg biex "tikkwalifika" ghat-tender ta' l-air Malta b'mod li ghalkemm t-tender ikun jidher li gie assenjat lill-konvenut Joseph Borg, fil-fatt ikun qieghed jigi mahdum mid-ditta "Borg Brothers Removals".

Illi inoltre skond il-kundizzjonijiet tat-tender, precizzament klawsola (iv) tal-kundizzjonijiet indikati fl-appendix "A", il-kuntrattur kellu jipprovdi – mat-tender form – prova ta' proprjeta' tal-vetturi. L-unici dokumenti li ufficjalment jaghtu prova ta' propjeta' tal-vetturi. L-unici dokumenti li ufficjalment jaghtu prova ta' propjeta' ta' vetturi huma l-logbooks rilaxxjati mid-Dipartiment tal-Pulizija relattivi ghal vetturi opportuni. Fil-hin li ghalqet mid-Dipartiment tal-Pulizija relattivi ghal vetturi opportuni. Fil-hin li ghalqet it-tender Joseph Borg ma pprezentax mat-tender form il-logbooksrelattivi ghall-vetturi u kwindi ma gietx osservata kundizzjoni tassattiva indikata fl-appendix "A" tal-kundizzjonijiet generali u dan jinvalida t-tender sottomess appendix "A" tal-kundizzjonijiet generali u dan jinvalida t-tender sottomess minn Joseph Borg. L-ebda dokument iehor salv il-logbook ma jista' jintuza bhala xi evidenza jew prova ta' proprjeta'. Il-kundizzjoni u l-prassi ta' dan it-tener kienu dejjem li mat-tender form jigu sottomessi l-logbooks tal-vetturi.

Illi di piu' l-vetturi l-ohrajn indikati minn Joseph Borg Lyzer Transport f'din it-tender huma kollha vetturi minghajr kaxxa, u cioe', minghajr "tail lifts". Dawn il-vetturi m'humiex maghluqin (box vans) u jintuzaw biss bhala "zwiemel" biex jigbdu l-containers. Dawn m'humix idoneji ghat-trasport rikjest mill-Air Malta. Kwindi l-unici tlett vetturi bil-kaxxa huma

dawk indikati bil-prefix "BBR" u li dwarhom m'hemmx prova li huma propjeta' ta' Joseph Borg Lyzer Transport kif fuq inghad.

Illi ghandu jinghad ukoll li meta nharget din it-tender l-ewwel darba gie jigbor it-tender form is-Sur Carmelo Borg li huwa propjetarju tad-ditta Borg Bros. Removals u mhux rapprezentant jew impjegat tad-ditta Lyzer Transpoer ta' Joseph Bor. Ghandu jinghad ukoll li fil-gurnata li nfethet it-tender box kien hemm prezenti l-istess Carmelo Borg ta' Borg Bros. Removals. Imkien ma deher Joseph Borg tal-Lyzer Transport. Ghandu jinghad ukoll li fil-granter wara li nfethu l-offerti deher jigri fil-kuruduri tal-Head Office ta' l-Air Malta Nicholas Bor Bros. Removals kienet qeghda tippilota t-tender mixhuta minn, suppost, Joseph Borg Lyzer Transport. Sinifikanti huwa l-fatt li Joseph Borg ghadu qatt ma rifes l-ghatba tal-Head Office ta' l-Air Malta plc.

Illi finalment il-prezz ikkwotat minn Joseph Borg Lyzer Transport huwa baxx wisq biex ikun ikkunsidrat bhala kredibbli u fattibbli. Joseph Borg ikkwota prezz ta' Lm29 ghal kull ghaxar sieghat bil-VAT inkluz. Meta wiehed jiehu bhala kalkolu l-paga minima nazzjonali – Lm48.36 fil-gimgha u cioe' Lm1.21 fis-siegha – ghal ghaxar sieghat, ghal impjegat wiehed, l-ispiza ghal Joseph Borg Lyzer Transport ser titla' ghal Lm12.10. Skond it-tender il-kuntrattur ghandu jhaddem zewg impjegati u ghalhekk l-ispiza totali ghal zewg impjegati fuq medda ta' ghaxar sieghat (minghajr overtime) tilhaq Lm24.20.

Illi meta wiehed jikkonsidra li mid-Lm2929 li l-konvenut Joseph Borg "Lyzer Transport" ikkwota fit-tender tieghu Lm4.35 iridu jithallsu lill-Gvern f'taxxa tal-VAT il-konvenut Joseph Borg jibqaghlu Lm24.65 netti li jkopru biss l-ispiza taz-zewg impjegati tieghu. Dan mhux fattibbli billi mhux qeghdin nikkunsidraw l-ispejjez bazici tal-vetturi f'diesel, manutenzjoni, insurance, licenzja, bolla u taxxa. Ta' min isemmi li l-insurance

premium wahedha tiswa Lm500 f'sena wahda.

Illi billi l-kuntrattur ikollu jipprovdi servizz ta' tlett extra trips fi kwalsiasi hin tal-gurnata minghajr hlas, ghandu jirrizulta li l-prezz ikkwotat mill-konvenut Joseph Borg Lyzer Transport huwa mhux biss mhux fattibbli izda addirittura redikolu.

Illi jirizulta bl-aktar mod car u inekwivoku li d-ditta konvenuta Borg Bros Removals realment giet awarded it-tender bil-paraventu tal-licenzja ta' burdnar tal-konvenut l-iehor Joseph Borg u dan billi d-ditta Borg Bros Removals ma setghet qatt tikkwalifika ghat-tender ghaliex mhux detentrici ta' licenzja ta' burdnar.

Illi in vista ta' dawn ic-cirkostanzi kollha t-tender in kwistjoni huwa invalidu.

Illi l-attur safa ngannat bil-qerq ipprattikat mill-konvenuti, jew min minnhom, b'mod li t-tender ma gietx assenjata lilu ingustament u dan minkejja li huwa kien l-uniku konkorrent b'licenzja regolari ta' burdnar f'dan it-tender.

Illi l-attur sofra u qieghed isofri danni konsegwenzjali oltre li qieghed jitlef mill-qliegh li gustament kien intitolat ghalih kieku t-tender giet assenjata lilu kif kellu jkun, ghal liema danni huma unikament responsabbli l-konvenuti jew min minnhom.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li t-tender ta' l-Air Malta plc ghat-"Transport and Delivery Services" fuq imsemmi gie moghti b'mod illegali u abuziv u kwindi huwa invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

2. Tordna lis-socjeta' konvenuta Air Malta plc li twaqqaf il-konvenut Joseph Borg fil-kwalita' tieghu premessa milli

jkompli jahdem it-tender u dan b'effett immedjat u ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

3. Tordna lis-socjeta' konvenuta Air Malta plc tikkancella t-tender qe quo.

4. Tordna lis-socjeta' konvenuta Air Malta tohrog tender gdid ghall-istess xoghol fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din il-Qorti okkorrento taht is-supervizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

5. Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur inkluz it-telf ta' qliegh li kien ikun intitolat ghalih kieku t-tender gie assenjat lilu kif kellu jkun.

6. Tillikwida d-danni sofferti okkorrendo bl-opra ta' perit nominand.

7. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, ihallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax relattiv sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-13 ta' Novembru 2000 li permezz taghha l-konvenuti Carmelo, Emanuel, Mario, Nicholas, Paul u Victor ahwa Borg f'isimhom proprju u esercenti n-negozju "Borg Brothers Removals" eccepew:

1. Preliminarjament illi ma hemmx relazzjoni guridika bejn l-attur u l-eccipjenti in kwantu l-attur qed jibbaza l-pretensjoni tieghu ghad-danni fil-konfront tal-eccipjenti fuq allegazzjoni ta' ksur tal-kondizzjonijiet tat-tender,

kondizzjonijiet li ghall-eccipjenti huma “alios inter acta”. Konsegwentement it-talbiet attrici, in kwantu diretti fil-konfront taghhhom, ghandhom jigu respinti stante li ma humiex il-legittimi kontraditturi.

2. Preliminarjament u bla pregdizzju illi jonqos fl-attur l-interess guridiku sabiex jipproponi l-kawza odjerna in kwantu ma hux id-detentur ta’ licenzja ta’ burdnar u konsegwentement ma jissodisfax kundizzjoni numru wiehed tat-tender *in merito* (kopja tal-kondizzjonijiet hawn annessa u markata Dok X1). Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

3. Bla pregudizzju u fil-mertu, kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, mhux minnu li t-tender ta’ l-Air Malta plc ghat-“transport ghad-delivery services” gie moghti lill-konvenut Joseph Borg b’mod illegali u abbuziv. Il-konvenut Joseph Borg issodisfa l-kondizzjonijiet kollha tat-tender u konsegwentement il-kuntratt lilu moghti mill-Air Malta plc huwa wiehed validu u mhux impunjabbli.

4. Illi l-eccipjenti agixxew dejjem fit-termini tal-ligi u konsegwentement ma jistghu qatt jinstabu responsabbi ghad-danni allegatament sofferti mill-attur.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-13 ta’ Novembru 2000 li permezz taghha l-konvenut Joseph Borg f’ismu proprio u esercenti in-negozju taht isem “Lyzer Transport” eccepixxa:

1. Preliminarjament illi l-attur, kif del resto ippremetta anke huwa stess fit-tieni premessa tac-citazzjoni, irid jipprova

li huwa ghandu licenzja ta' burdnar. In difett l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda stante li ma ghandu ebda interess guridiku fl-esitu tal-kawza.

2. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess illi kwalsiasi fatt jew azzjoni li setghet saret wara li it-tender in kwistjoni gie allokat ma jinteressax lill-attur u jinteressa biss il-kontraenti ghall-istess tender.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-28 ta' Novembru 2000 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta Air Malta plc eccepixxiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

2. Illi l-istess talbiet huma bbazati fuq premessi ghal kollox zbaljati kif jigi muri waqt is-smiegh.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Dr. Christopher Spiteri u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti Borg u tal-konvenut Joseph Borg nomine.

Il-Qorti thoss li ghal ragunijiet li ser ikunu jidhru iktar cari il-quddiem ghandha l-ewwel tittratta l-eccezzjoni tal-karenza ta' interess.

Il-Qrati taghna dejjem adottaw id-definizzjoni tal-Mortara li giet indikata fin-nota tal-konvenuti u cioe'li l-interess guridiku

huwa *l' utilita' finali della domanda giudiziale o violazione dell'diritto.*

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet <u>John Muscat et vs Rachelle Buttigieg et</u> deciza fis-27 ta' Marzu 1990 qalet hekk;

*L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesti tal-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu; b) dirett u personali fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirigwardja l-attur, hlief fl-azzjoni popolari c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni attwali ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-Ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kuntrarja ghall-godiment ta' dritt appartenenti jew spettanti lid-detentur.*

L-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq *tender* illi kien ghamel offerta ghaliha fuq il-formola preskritta u li hija esebita a Fol 14 tal-process. Skond l-ewwel kondizzjoni, il-persuna li taghmel l-offerta kellha tkun fil-pussess ta' *stevedore (burdnar) licence for the clearance and release of cargo consignment.* L-attur *ex admissis* ma ghandux din il-licenzja, infatti a Fol 81 tal-process xehed hekk;

*Jien nghid li jiena u l-partner ghanndna licenzja to act a cargo clearance and forwarding agents. Fuq ismi personalment ma ghandhiex. Dik il-licenzja li ghadu kemm sarli riferenza ghaliha bil-kliem bl-ingliz hija l-licenzja ta' burdnar.*

Jidher ghalhekk illi l-licenzja ta' burdnar hija f'isem is-socjeta' en nom collectif li ghandu l-attur ma' certu Farrugia u mhux f'ismu. L-attur jghid ukoll li ghalkemm qabel l-1997 ha xi xoghol tal-Air Malta qatt ma kellu din il-licenza qabel l-1997. Jidher ghalhekk li l-Air Malta ma tantx kienet rigida fl-applikazzjoni ta' din ir-regola. Dan ma jispjegax pero' r-raguni ghaliex din il-kondizzjoni baqghet tidher fit-tender form, anzi

hija l-ewwel kondizzjoni msemmija. Wiehed jifhem li jkun hemm din il-kondizzjoni, izda ma jifhimx kif is-socjeta' konvenuta Air Malta ma kientx rigida fl-applikazzjoni taghha. L-attur fl-istess xhieda tieghu qal ukoll (Fol 82);

*Naqbel kif qed jigi suggerit lili li Frank Farrugia qabel l-1997 kellhu licenzja ta' burdnar fuq ismu. Qbilna ukoll li l-licenzja li kellu personalment iddur fuqi u fuqu fi hdan partnership en nom collectif. Naqbel ukoll kif qed jigi suggerit illi kieku dan il-partnership jintemm il-licenzja ta' burdnar terga' ddur fuq Frank Farrugia wahdu.*

Ma hemmx dubbju illi socjeta' *en nom collectif*, bhal kull socjeta' kummercjali ohra, ghandha personalita' guridika differenti minn dik tal-membri taghha. Kif inqal f'**Company Law** ta' Mayson, French and Ryan;

*The legal rights of a company belong to the company as a separate person and not to its members. The members of a company do not have standing to enforce its rights by legal action.*

Il-Qrati taghna kellhom opprtunita' diversi drabi jippronuzjaw ruhhom fuq il-materja. Per ezempju il-Qorti tal-Appell fil-kawza Anastasi vs Rossignaud nomine (XLII-i.255) fl-1958 qalet;

*Skond il-Ligi kummercjali taghna ma hemmx dubbju illi s-socjetajiet kummercjali regolarment kostitwiti jikkostitwixxu personalita' legali diversi mill-personalita' individwali tal-membri li jikkomponuha.*

Illi fil-kaz in ezami allura kien jispetta ghas-socjeta' kummercjali li l-attur kellu bi shab ma Frank Farrugia illi tapplika ghat-tender in kwistjoni. Hu veru li donnu l-Air Malta ma tantx qaghdet tfettaq fuq dan u lill-attur kienet akkordatlu

tenders precedenti u jidher li anke wara l-kaz in kwistjoni l-attur ibbenefika minn xi tenders ohra. Il-fatt jibqa' li suppost li biex japplika kellu jkollu l-licenzja ta' burdnar u palesament hu ma kellux dan. Allura s-socjeta' Air Malta qatt ma tista' tigi ordnata minn din il-Qorti biex takkordalu t-tender in kwistjoni jew li l-Qorti tilqa' t-tielet u r-raba' talbiet tieghu illi huma l-pern tal-kawza kollha. Dan ghaliex il-Qorti ma tistax ma tiehux konjizzjoni tal-kondizzjoni imsemmija, liema kondizzjoni l-attur qatt ma jista' jissodisfa. Billi allura hu personalment ma jistax jibbenefika mis-sentenza, anke jekk jirrizulta li l-Air Malta agixxiet hazin, ma hemmx lok li l-Qorti tkompli tisma' l-kawza ghaliex huwa karenti l-interess guridika li ghandu jkollu kull min iressaq il-pretensjonijiet tieghu quddiem il-Qrati taghna.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Borg proprio et nomine, u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Joseph Borg proprio et nomine u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.**

**L-ispejjes jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------